MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 484/2005

**Emanuel Buhagiar**
**vs**
**Kyle Stone u b'digriet tas-16 ta' Awissu 2005 is-socjeta' Elmo Insurance Limited (C 3500) intervenit fil-kawza in statu et terminis.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi fil-11 ta' Marzu 2004 waqt li l-attur, Emanuel Buhagiar kien miexi fuq il-bankina gewwa Triq il-Kbira San Guzepp gewwa il-Hamrun huwa gie milqut mill-vettura numru AAB 735 misjuqa mill-konvenut liema vettura rikbet il-bankina u laqghtet u korriet serjament lill-attur.

Peress illi dan l-incident gara unikament tort u htija tal-istess konvenut u dana minhabba negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da' parti tieghu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni materjali u dizabilita' permanenti li giet stabilita fil-grad ta' 25% mit-Tabib Anthony Bernard, u dan kif jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxat minnhu u hawn anness bhala Dok A.

Peress illi l-konvenut interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur Emanuel Buhagiar bhala konsegwenza tal-incident imsemmi baqa' inadempjenti, kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi

1. m'ghandux jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh fil-11 ta' Marzu 2004 gewwa il-Hamrun u li fih sofra danni, l-attur.

2. m'ghandhomx jigu likwidati d-danni li sofra l-attur bhala konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, konsistenti dawn id-danni kemm f'*damnum emergens* kif ukoll f' *lucrum cessans,* u

3. m'ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' din l-istess citazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra Ufficjali tat-12 ta' Awissu 2004, tal-parir u tad-drittijiet ghal diversi ittri mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut (Lm.25.00) u ta' Ittra Ufficjali

ohra pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u dana a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-ammont pretiz jeccedi s-somma ta' hames t'elef u wiehed liri Maltin (Lm5,001.00).

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-proces;

Rat li l-konvenut debitament notifikat (ara fol 19 a tergo) ma wegiebx.

Rat ir-rikors tas-socjeta' Elmo Insurance Ltd biex tintervjeni fil-kawza u d-digriet favorevoli ta' dina l-Qorti tad-19 ta' Lulju 2005;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2005 li bih gie nominat Mr. Carmel Sciberras biex jirrelata dwar id-disabilita' ta' l-attur;

Rat ir-rapport tal-espert mediku a fol 29 et seq li akkorda lill attur disabilita' permanenti ta' 27% (mentri t-tabib ex parte Mr. Bernard kien tah 25% - ara fol 7);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill espert mediku in eskussjoni;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Illi l-konvenut baqa' kontumaci.

Is-socjeta' intervenuta fil-kawza mhux qed tikkontesta r-responsablita' imma d-danni li qed jirreklama l-attur. Mill-provi jirrizulta li l-attur ma kellu ebda tort ghall incident billi hu intlaqat meta kien miexi fuq il-bankina.

## Danni

L-attur xehed li meta gara l-incident hu kellu 73 sena u kien bniedem attiv hafna u kien jimxi fit-tul. Illum pero' irid jimxi bil-bastun, u qed isofri minn *diabete* u *depression* qawwija billi ma jistax jaghmel dak li kien jaghmel qabel l-incident. Ghandu bzonn l-ghajnuna biex jilbes zarbun u biex jinhasel.

Hu kellu jaghmel diversi spejjez minhabba dan l-incident, fosthom spejjez ghal kura u biex dahal f'*ritrement home* ghax ma setghax jitla' t-tarag tad-dar. F'Sa Maison Home kien ihallas Lm11 kuljum u ghamel sitt (6) gimghat hemmhekk. Jghid li minhabba d-*diabete* qed jiehu ikel specjali bla zokkor. Barra minn hekk billi ma jistax juza xarabank ikollu juza t-taxi ghax m'ghadux jista jsuq karozza. Dwar xoghol li kien jaghmel fid-dar, jghid li issa dan ma jistax jaghmlu u qed iqabbad lill-barranin.

Georgette Buhagiar, mart l-attur xehdet dwar l-ispejjez li inkorrew minhabba dana l-incident. Issemmi s-segwenti spejjez li ghamlu:

Medicini u ikel specjali tad-dieta – Lm30 fix-xahar
Spejjez Dr. Bernard Lm115
Sa Maison Retirement home Lm545 – ara fol 40-41
Taxi Service Lm25 ara fol 42-43-46
Lm20 Deposit Walking Frame
Lm40 Ambulanza St James Hospital – ara fol 44
Lm35.26 Health Care Services ara fol 43

**B'kollox sa issa hallsu circa Lm791.26 barra Lm30 fix-xahar ghal ikel specjali.**

Fuq kontroezami wiegbet li huma pprovaw jidhlu f'xi dar tal-Gvern, bhal St Vincent de Paule, izda hemm sabu *waiting list* u ma setghux jistennew. Sabu minflok *home* mill-irhas li kien hemm. Tghid li r-ragel ma kellux zokkor qabel l-incident u wara l-incident it-tabib tal-familja kellu jzomm lir-ragel fuq dieta specjali. Qalet li nefqu flus ohra ghal kura u tobba izda m'ghandhiex ricevuti.

**Damnum emergens**

Dwar dan it-tip ta' danni l-attur ipprezenta diversi ricevuti. L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm791.26 u l-ricevuti li pprezenta jkopru l-ammont reklamat ghalhekk huwa dovut.

Ghalkemm saru xi spejjez ohra, kontra dawn ma gewx prezentati ricevuti u lanqas ma gie ndikat x'kienu dawn l-ispejjez, ghalhekk it-talba ghal dawn l-ammonti ma tistax tigi milqugha.

Kwantu ghat-Lm30 fix-xahar bhala spiza rikorrenti minhabba kura ghaz-zokkor li l-attur u martu xehdu li zviluppat wara l-incident, l-espert mediku, fir-rapport tieghu (ara fol 32) ighid:

*"Dwar iz-zokkor li "hariglu" wara l-incident. Trawma bhal ma garrab is-Sur Buhagiar tista' tikkawza dil-haga. B'xorti tajba iz-zokkor qed jigi kontrollat bid-dieta biss. Ma nistax neskludi illi 'l quddiem ikollu bzonn xi medicini biex jikkontrolla z-zokkor".*

Illi l-ammont mitlub f'dan ir-rigward il-Qorti qed taccettah bhala dovut, imma hi tal-fehma li dan ghandu jigi inkluz taht *lucrum cessans* u mhux bhala spiza rikorrenti taht *damnum emergens*. Fil-fatt l-awturi f'kazijiet fejn ikun hemm "*grave and permanent injuries, where plaintiff may not be able to look after himself and will require constant attendance, in these cases the future expense of nursing or other constant attendance is admissible: and this prospective expense will be capitalized in the same way as loss of earnings"*. (**Munkman's Damages for personal injuries and death).** L-istess ghalhekk ghandu japplika, fil-fehma tal-Qorti, ghal kura rikorrenti ghaz-zokkor li qed jiehu l-attur.

**Lucrum cessans**

Jirrizulta mill-provi li meta gara l-incident l-attur kellu 73 sena u kien bniedem attiv hafna u kien jimxi fit-tul. Illum pero' irid jimxi bil-bastun, isofri minn *diabete* u ghandu *depression* qawwija billi ma jistax jaghmel dak li kien jaghmel qabel l-incident. Irid ukoll l-ghajnuna biex jilbes zarbun u biex jinhasel u ma jistax isuq.

Skond l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili:

(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.
(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacità ikkaggunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Fil-kaz in ezami meta gara l-incident l-attur kellu 73 sena imma mix-xhieda ta' l-attur u ta' martu u tat-tobba jirrizulta li l-attur ma kienx bniedem marid, u kien jimxi regolarment u fit-tul u kien ifendi ghar-rasu imma minhabba dana l-incident ma setghax ikompli jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel qabel. Inoltre jrid jiehu kura kostanti minhabba kumplikazzjonijiet li nqalghu. Il-Qorti ghalhekk minghajr riferenza ghal applikazzjoni ta' xi *multiplier* minhabba l-eta' avanzata tieghu u *arbitrio boni viri* qed tillikwida l-ammont ta' Lm4,000 bhala *lucrum cessans* dovut lill attur minhabba dan l-incident.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talbiet ta' l-attur
Tidikjara lill konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh fil-11 ta' Marzu 2004 gewwa il-Hamrun u li fih sofra danni l-attur;

Tillikwida d-danni li sofra l-attur bhala konsegwenza ta' l-imsemmi incident, fl-ammont ta' seba' mija wiehed u disghin ira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm791.26) bhala *damnum emergens* u erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bhala *lucrum cessans,*
Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut;
Bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------